TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 68

Kaz Nru. 79

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur Benny Sciberras
u
Model Knitwear Industries (MKI), Xewkija, Ghawdex.

Data : 22 ta' Lulju, 1980.

Chairman : C.J. Mallia.

Din il-kwistjoni tax-xoghol, fejn l-applikant allega li hu kien gie mkecci ngustament mid-ditta, giet riferita lil dan it-Tribunal mill-agent Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali fl-20 ta' Frar, 1980, skond l-artikolu 28 (2) ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali ta' l-1976.

2. Il-partijiet. L-applikant, is-Sur Benny Sciberras, kien assistit mis-Sur Walter Terribile. Ghad-ditta Model Knitwear Industries (MKI) dehret is-Sinjorina Paulina Tabone, Managing Director, assistita mis-Sur Silvio Zammit, General Manager.

3. Smigh u xhieda. Fit-tlett seduti li nzammu biex instemgha l-kaz, taw ix-xhieda taghhom dawn is-sinjuri hawn taht imsemmijin:

Imsejjha mill-applikant

Is-Sur Anthony Hili, Officer i/c Labour Office, Gozo.
Ir-Revd. Fr. Laurence Sciberras, hu l-applikant.

/2. .....

Imsejjha mid-ditta

Is-Sur Joseph Grech, Machine Operator, MKI
Is-Sur Joseph Formosa, Machine Operator, MKI
Is-Sur Ignazio Micallef, Driver, MKI
Miss Paulina Tabone, Managing Director, MKI
Is-Sur Silvio Zammit, General Manager, MKI
Is-Sur Benny Sciberras, l-applikant.

4. Il-kaz. Is-Sur Benny Sciberras kien gie mahtur mal-MKI, bhala Watchman, fit-3 ta' Jannar, 1979. L-impieg kien sar verbalment, fuq probation ma ntqal xejn, u ghalhekk kienu japplikaw it-tlett xhur prova li tipprovdi l-ligi (artikolu 25 ta' l-Att Nru. XI ta' l-1952). Dan l-impieg kellu tmiem fis-7 ta' Mejju, 1979. L-applikant jghid li hu gie mkecci; id-ditta tghid li hu telaq minn rajh.

5. Zewg tezijiet opposti. Mela, qabel ma jista' jigi ezaminat jekk kienx hemm tkeccija ngusta, wiehed irid jara jekk kienx hemm tkeccija. Fil-kaz li le, dan il-kaz ingieb hazin quddiem dan it-Tribunal, li, kif inhu kompost, hu kompetenti jindahal biss f'kaz ta' tkeccija. Iz-zewg nahat kienu sodi fit-tezi rispettivi taghhom. Is-Sur Benny Sciberras sostna li hu kien gie mkecci u cahad l-akkuzi li saru kontra tieghu dwar nuqqasijiet fid-doveri tieghu ta' Watchman. Id-ditta MKI sostniet li, ghad li kellha x'tilmenta kontra l-applikant, hi qatt ma keccietu, u hu telaq minn rajh. Dan il-partijiet ghamluh mhux biss waqt l-esposizzjoni u t-trattazzjoni tal-kaz, imma anke taht gurament (ara x-xhieda tas-Sur Sciberras, tas-Sinjorina Tabone, u tas-Sur Zammit).

6. Indizji : Mix-xhiedaumit-trattazzjoni hargu dawn l-indizji:

(a) Kien hemm is-soltu certifikat ta' temm ta' l-impieg, moghti lill-Labour Office. (Dan l-applikant qisu bhala indizju ta' tkeccija, fil-waqt li d-ditta qisitu bhal dak li hu --- certifikat li jinghata lill-Labour Office ghal kull impieg li jintemm, ikun kif ikun it-tmiem).

(b) Miss Tabone tant ma kelliex hsieb li tkeccih lis-Sur Sciberras dik inhar tas-7 ta' Mejju, 1979, li hi anqas indunat li hu kien qed jitlaq minn rajh (hu mill-bidu nett kien wera li mhux kuntent bix-xoghol ta' Watchman). Ghalhekk anqas ma hadet dak il-pass ovvju u necessarju li titolbu c-cavetta.

(c) Is-Sur Benny Sciberras stess xehed li d-ditta qatt ma wissietu u qatt ma tatu notice ta' tkeccija.

7. Valutazzjoni mit-Tribunal. L-indizju (a) fil-paragrafu 6 hawn fuq ma jippruvax tkeccija. L-employer ghandu obbligu jibghat dan ic-certifikat lill-Labour Office kull darba li jintemm impieg, jintemm minn min jintemm u tkun xi tkun ir-raguni. L-indizju (b) jxaqleb favur it-tezi tad-ditta, li hi lil Mr Sciberras ma keccietux. L-indizju (c) ukoll ikompli jsahhah it-tezi ta' l-istess ditta, li, billi ma keccietx lis-Sur Sciberras, ma tatu ebda notice ta' tkeccija. Twissijiet dwar nuqqasijiet l-MKI tghid li tatu diversi lis-Sur Sciberras, ghad li dawn hu cahad li qatt ircevihom.

8. AWARD. Fil-konflitt taz-zewg tezijiet rispettivi, mill-indizji msemmija u mill-kompless tax-xhieda u dokumenti, it-Tribunal jikkonkludi li s-Sur Benny Sciberras ma giex imkecci mid-ditta MKI, u ghalhekk dan il-kaz ma jaqax fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal kif attwalment kompost.

C.J. Mallia,
Chairman.

A. Bartolo Parnis,
Segretarju.

22 ta' Lulju, 1980.

en